# RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni Radju Marija (Malta)

Nru 92 – Jannar/Marzu 2019


Grazzi mill- qalb tad-donazzjoni tiegħek b'risq il-proġett ta' Radju Marija. Iċ-ċifra laħqet...

GRAZZI
€100,533



# Taptipa fuq l-ispalla...




# Taptipa fuq l-ispalla...



Dik it-taptipa fuq l-ispallejn li matul is-sena tagħtuna intom is-semmiegħa, mhux biss tagħmlilna kuraġġ biex inkomplu nieħdu ħsieb dan l-istazzjon Marjan......

**Fr Antoine Borg** Direttur ta' Radju Marija

Taptipa fuq l-ispalla tfisser ħafna. Xi kultant tkun tfisser li jien miegħek fl-agħar żmien ta' ħajtek, meta esperjenzajt il-mewt ta' xi ħadd għażiż. B'taptipa fuq spalltek, xi ħadd ikun qed jgħidlek li 'jien miegħek' u kemm drabi kien ma' ħafna semmiegħa ta' Radju Marija, speċjalment ma' dawk li nħakmu minn solitudini liema bħalha minħabba xi telfa. Kemm grazzji ħarġu waqt xi programm li kien ta' faraġ għal ħafna!

Taptipa fuq spalltek tista' tfisser sinjal ta' ħbiberija sinċiera u onesta li sempliċiment tistqarr li tieħu gost miegħek. Kemm sms's u ittri sbieħ u kliem, speċjalment fir-reception matulek ja sena, kien espressjoni ta' ħafna li ħassew illi Radju Marija jħobbuh minn qalbhom. Ta' dan nirringrazzjakom għax intom għamiltulna kuraġġ biex inkomplu naħdmu u biex aħna nkunu dik it-taptipa fuq l-ispallejn, taptipa ta' ħbiberija permezz ta' vuċi ta' ħbiberija li toħroġ kuljum minn Radju Marija.

Taptipa fuq l-ispallejn tfisser ukoll li jien qiegħed ħdejk biex tkompli. Iva, kemm nies stqarrewlna li Radju Marija kien kumpann eċċezzjonali biex ħafna jkomplu f'dak li qegħdin jagħmlu u ma jaqtgħux qalbhom speċjalmet għax l-ambjent ta' madwarhom mhux biss ma kienx tajjeb imma saħansitra ta' tfixkil u li permezz tal-leħen kuraġġuż ta' Radju Marija, baqgħu jistudjaw, jaħdmu fix-xogħol fejn kienu, jgħixu f'dik id-dar mimlija diffikultajiet u jinsistu magħhom infushom u ma' min iħobbu biex jagħmlu l-ħila kollha tagħhom biex jgħixu aħjar, kemm moralment u wkoll spiritwalment.

Taptipa fuq l-ispallejn tfisser ħbieb tal-qalb li jidħku flimkien, jiċċajtaw u jitfgħu botti ħelwin lil xulxin. Iva, dan ukoll kien u hu Radju Marija, b'ċerti programmi u producers li tant iġibulkom tbissima u daħka. Iva, u kemm minkom qalulna li straħu, ikkalmaw u nessewhom l-inkwiet tal-ħajja ta' kuljum. Dan għamilnieh bl-onestà u bl-indafa għax dawk li huma ta' Kristu għandhom ferħ li ma jistgħux iħalluh għalihom biss imma jridu jwassluh lill-oħrajn. Int biss Mulej il-ferħ u l-hena ta' qalbi!

Fl-istess ħin, kemm minkom, għeżież, komplejtu magħna bi tbissima meta ltqajtu magħna u kemm komplejtu magħna permezz tat-telephone u dan kemm kien ta' faraġ u ġid għall-moħħ, għall-qalb u għar-ruħ ta' ħafna.

**Taptipa fuq spalltek tista' tfisser sinjal ta' ħbiberija sinċiera u onesta li sempliċiment tistqarr li tieħu gost miegħek.**

Taptipa fuq l-ispallejn tfisser ukoll ħasdha li xi ħadd itik għax ma tkunx qed tistennieh. Kemm; waqt li qed iqallbu fir-radju, speċjalment tal-karozza, inħasdu b'xi kelma li semgħu minn fuq Radju Marija u jħossu s-sejħa tal-Mulej li jkun qed ikellimhom permezz tar-Radju tal-Madonna u jsibu risposta għal dak li tant ilu jħassibhom!? Kemm oħrajn jinbidlu minn jum għal ieħor għax sabu iktar sens u skop f'ħajjithom u għanejhom infetħu mil-lum għal għada!

Taptipa fuq l-ispallejn hija dik li tagħti omm, għalliema jew xi trainer jew coach biex dik il-persuna turik li tkun sejjer tajjeb u tkompli timbuttak biex tagħmel aħjar.

Radju Marija, ir-Radju tal-Madonna, ħafna drabi kienet dik l-vuċi tal-omm, l-Omm tagħna l-Verġni Marija li kellmet lil ħafna biex turihom li sejrin tajjeb fil-ħajja spiritwali tagħhom u li ma għandhomx jaqtgħu... m'għandhomx jieqfu jitolbu. Dan tagħmlu speċjalmet fir-Rużarju li dan ir-Radju jfakkarna ta' spiss fih għax hija t-talba li tgħaxxaq lis-Sidt ta' dan ir-Radju.

Kemm drabi din l-Imqaddsa Marija kienet ukoll għalliema u ħafna minkom stqarrew li dejjem jitgħallmu xi ħaġa ġdida fuq it-twemmin u l-fidi tagħna.

Kemm drabi din l-Imbierka fost in-nisa kienet ukoll coach u trainer għal ħafna li fil-programmi tgħallmu jixbhu lill-qaddisin moderni u antiki, tgħallmu jgħixu l-virtujiet li jaqtgħuna minn ħafna vizzji.

Taptipa fuq l-ispallejn hija wkoll ta' imbuttatura biex dak li jkun ma jibżax u intom għeżież, bil-kliem, il-kitba, bil-ġenerożità tagħkom u fuq kollox bis-sagrifiċċji u t-talb tagħkom kontu t-taptipa fuq l-ispallejn tagħna, l-ispallejn mgħobbijin bir-responsabilità li l-Madonna ħalliet fuqna biex niħdulha ħsieb ir-Radju tagħha!

Dik it-taptipa fuq l-ispallejn li matul is-sena tagħtuna intom is-semmiegħa, mhux biss tagħmlilna kuraġġ biex inkomplu nieħdu ħsieb dan l-istazzjon Marjan imma fuq kollox biex inkomplu nikbru u noħorġu iktar 'il barra biex immorru f'ħafna bliet u rħula, sabiex il-wiċċ tal-Madonna li jidher fir-Radju tagħha jinxtered ma' kullimkien f'pajjiżna u hekk kulħadd iħoss dik l-istess taptipa tal-Omm twajba tagħna tas-sema kif aħna lkoll inħossuha kuljum permezz ta' Radju Marija.

Radju Marija huwa t-taptipa ħelwa! Qaddisa tal-Verġni Marija... itlob għalina.

# Skeda tal-programmi għax-xitwa

## Bejn it-Tnejn 31 ta' Diċembru u l-Ħadd 30 ta' Marzu

### It-Tnejn

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Għajn ta' ġid (rpt) |
| 01.30am | Teżor u ġawhra prezzjuża (rpt) |
| 02.00am | Ħin in-novella (rpt) |
| 02.30am | Għanjietna (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.20am | Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż |
| 03.40am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Għalik li temmen (rpt) |
| 05.30am | Labirint, it-tiftixxa t'Alla (rpt) |
| 06.00am | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa (rpt) |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus u Kuntatt sal-11am |
| 11.00am | Ara Ommok |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Qari tar-rumanz |
| 01.30pm | Ieqaf u isma' din! (rpt) |
| 02.30pm | Fix-xebh tiegħu |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Irwiefen u fjammi |
| 04.00pm | Il-Kappuċin tal-Pjagi |
| 05.00pm | Vjaġġ mużikali |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Mur sewwi l-Knisja tiegħi |
| 08.30pm | Qari ta' rumanz (rpt) |
| 09.00pm | Inbid ġdid |
| 10.00pm | Inti f'salib it-toroq? |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-ġurnata (rpt) |
| 11.30pm | Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi (rpt) |
| 11.50pm | Kompjeta |

### It-Tlieta

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Sejjaħli u jien inwieġbek (rpt) |
| 01.30am | Lourdes (rpt) |
| 02.00am | Minn San Remo (rpt) |
| 02.30am | Il-Ħniena Divina ġewwa ruħi (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.20am | Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż |
| 03.40am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Il-qdusija fil-familja (rpt) |
| 05.30am | Vuċi missjunarja (rpt) |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus u Kuntatt sal-11am |
| 11.00am | Kunu xhieda tiegħi |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju ta' San Mikiel |
| 01.00pm | Tiżwiqa mużikali |
| 02.00pm | Jiena hu l-Ħobz tal-Ħajja |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Anġli u Arkanġli |
| 04.00pm | Santa Tereża tal-Bambin Ġesù tgħallimna |
| 04.30pm | Ħin in-novella |
| 05.00pm | Vjaġġ mużikali |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Kont marid u ġejt iżżurni |
| 09.00pm | Kif inhi sew? |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-ġurnata (rpt) |
| 11.30pm | Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi (rpt) |
| 11.50pm | Kompjeta |

### L-Erbgħa

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca (rpt) |
| 01.30am | Klassiċi u sagri (rpt) |
| 02.30am | Naturali (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.20am | Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż |
| 03.40am | Rużarju ta' San Ġużepp |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Irwiefen u fjammi (rpt) |
| 05.00am | Il-Kappuċin tal-Pjagi (rpt) |
| 06.00am | Mur sewwi l-Knisja tiegħi (rpt) |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus u Kuntatt sal-11am |
| 11.00am | Tifkiriet ta' nostalġija |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju ta' San Ġużepp |
| 01.00pm | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa |
| 01.30pm | Minn San Remo |
| 02.00pm | Il-Qalb tiegħi tirbaħ |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Il-Miraklu ta' Radju Marija |
| 04.00pm | Lejn fejqan mill-għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla |
| 04.30pm | Vodka u Lavanda |
| 05.00pm | Vjaġġ mużikali |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Anġli u Arkanġli (Rpt) |
| 08.30pm | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati |
| 09.00pm | Għajn ta' ġid |
| 10.00pm | Sejjaħli u jien inwieġbek |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-ġurnata (rpt) |
| 11.30pm | Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi (rpt) |
| 11.50pm | Kompjeta |

### Il-Ħamis

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Ara Ommok (rpt) |
| 01.30am | Stejjer mill-Musicals (rpt) |
| 02.30am | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.20am | Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż |
| 03.40am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Anġli u Arkanġli (rpt) |
| 05.00am | Inbid ġdid (rpt) |
| 06.00am | Irwiefen u fjammi (rpt) |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus u Kuntatt sal-11am |
| 11.00am | Ieqaf u isma' din! |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Mużika Country b'ispirazzjoni |
| 02.00pm | Teżor u ġawhra prezzjuża |
| 02.30pm | Lourdes |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Rumanz; Qari minn Alfred Mallia |
| 04.00pm | Mid-djarju tal-Papa |
| 05.00pm | Vjaġġ mużikali |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Kunu Xhieda Tiegħi (rpt) |
| 09.00pm | Qdusija fil-familja |
| 10.00pm | Klassiċi u sagri |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-ġurnata (rpt) |
| 11.30pm | Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi (rpt) |
| 11.50pm | Kompjeta |

# Skeda tal-programmi għax-xitwa

bejn it-Tnejn 31 ta' Diċembru
u l-Ħadd 30 ta' Marzu

## Il-Ġimgħa

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Tifkiriet ta' nostalġija (rpt) |
| 01.30am | Jien hu l-ħobż tal-ħajja (rpt) |
| 02.30am | It-Tabib tar-ruħ (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.20am | Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż |
| 03.40am | Rużarju tad-Duluri |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Magazine (rpt) |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus u Kuntatt sal-11am |
| 11.00am | Vanġelu ħaj |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tad-Duluri |
| 01.00pm | Qari tar-rumanz |
| 01.30pm | Naturali |
| 02.00pm | Labirint, it-tiftixxa t'Alla |
| 02.30pm | Il-Ħniena Divina ġewwa ruħi |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Mill-ħajja tat-tfal |
| 04.30pm | Fejn hemm Ġesù hemm Marija |
| 05.00pm | Vjaġġ mużikali |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Vodka u Lavanda (rpt) |
| 08.30pm | Qari tar-rumanz (rpt) |
| 09.00pm | Vuċi missjunarja |
| 10.00pm | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa (rpt) |
| 10.30pm | S. Tereża tal-Bambin Ġesù (rpt) |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-ġurnata (rpt) |
| 11.30pm | Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi (rpt) |
| 11.50pm | Kompjeta |

## Is-Sibt

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Mużika Country b'ispirazzjoni (rpt) |
| 01.30am | Inti f'salib it-toroq? (rpt) |
| 02.30am | Mur sewwi l-Knisja tiegħi (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.20am | Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż |
| 03.40am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Mid-djarju tal-Papa (rpt) |
| 05.30am | Il-Qalb tiegħi tirbaħ (rpt) |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus u Kuntatt (sa l-10.00am) |
| 10.00am | Stejjer mill-Musicals |
| 11.00am | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Magazine |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Kireh u bileh! |
| 04.30pm | It-Tabib tar-ruħ |
| 05.00pm | Vuċi missjunarja (rpt) |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.15pm | Għasar |
| 07.30pm | Teżor u ġawhra prezzjuża (rpt) |
| 08.00pm | Vanġelu ħaj (rpt) |
| 09.00pm | Għalik li temmen |
| 10.00pm | Rumanz; Qari minn Alfred Mallia (rpt) |
| 10.30pm | Għanjietna |
| 11.00pm | Lejn fejqan mill-għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla (rpt) |
| 11.50pm | Kompjeta |

## Il-Ħadd

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Ieqaf u isma' din (rpt) |
| 01.30am | Tiżwiqa mużikali (rpt) |
| 02.30am | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.20am | Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż |
| 03.40am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Kont marid u ġejt iżżurni (rpt) |
| 05.30am | Vanġelu ħaj (rpt) |
| 06.30am | Fejn hemm Ġesù hemm Marija (rpt) |
| 07.00am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus u Kuntatt ( sa nofsinhar ) |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Kireh u bileh! (rpt) |
| 02.00pm | Il-Ħadd Kumpanija |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Il-Ħadd Kumpanija (ikompli) |
| 05.00pm | Il-Qalb tiegħi tirbaħ! (rpt) |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Għasar |
| 07.00pm | Mill-ħajja tat-tfal (rpt) |
| 08.00pm | Fix-xebh tiegħu (rpt) |
| 08.30pm | Minn San Remo (rpt) |
| 09.00pm | Magazine (rpt ) |
| 11.00pm | Lourdes (rpt) |
| 11.50pm | Kompjeta |



## Appuntamenti fissi fuq Radju Marija għall-iskeda tax-xitwa 2019

### Quddiesa:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: fis-7.30am u fis-6.30pm
Nhar ta' Sibt : fis-7.30am u fis-6.30pm
Nhar ta' Ħadd: fis-7.00am u fl-10.00am

### Ir-Rużarji:

- Ir-Rużarju Mqaddes: f'12:00am, fl-4.00am, fis-7.00am, f'12.00pm, fis-6.00pm
- Ir-Rużarju tad-Duluri: Kull nhar ta' Ġimgħa fl-3.40am u fin-12.30pm
- Ir-Rużarju ta' San Ġużepp nhar ta' Erbgħa fl-3.40am u fin-12.30pm
- Ir-Rużarju tal-Erwieħ: kuljum fl-3.40am u fin-12.30pm (minbarra nhar ta' Tlieta, Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa)
- Ir-Rużarju ta' San Mikiel kuljum, bl-Ingliz fit-3.20am u bil-Malti fis-6.30am (minbarra l-Ħadd) u fin-12.30pm nhar ta' Tlieta

### L-Anġelus:

- Kuljum fit-8.00am, f'12.00pm u fis-6.00pm qabel ir-Rużarju
- Kurunella tal-Ħniena Divina
  Kuljum fit-3.00am u fit-3.00pm

### Liturġija tas-sigħat: kuljum:

- Tifħir tas-sbieħ il-jum: fit-8.15am
- Għasar: fis-7.00pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa u fis-7.15pm is-Sibt u fis-6.30 il-Ħadd
- Kompjeta għall-miżżewġin: fil-11.15pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa
- Talb ta' għeluq il-jum: f'11.50pm
- Bulettin tal-Aħbarijiet mid-dinja Kattolika: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fil-7.15pm b'ripetizzjoni fil-11.30pm
- L-aħħar Aħbarijiet minn Radju Vatikan bl-Ingliż:
  Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fis-7.30pm

# Ftit mill-programmi ġodda li ser jixxandru fl-iskeda tax-xitwa 2019,








F' dan il-programm ser nitkellmu fuq l-istejjer tal-musicals.









Lourdes ilu jeżisti 160 Sena u n-nies għadha tirrikorri bi ħġarha.





San Louis u Santa Zelie Martin, il-ġenituri Qaddisa ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù

## Stejjer mill-Musicals

Preżentazzjoni ta' Lina Deguara

*Jixxandar kull nhar ta' Sibt fl-10.00am u jkollu ripetizzjoni l-Ħamis fis-1.30am*

F' dan il-programm ser nitkellmu fuq l-istejjer ta' xi musicals bħal 'Oliver', 'Mary Poppins' u s-'Sound of Music'. Nagħtu wkoll xi tagħrif dwar il-producers tagħhom, minn min ġew ispirati, xi awards li ħadu, l-atturi u l-attrici li ħadmu fihom u l-mużika tagħhom. Fuq kollox, ma jonqosx li nsemmgħu xi siltiet minnhom.

## Lourdes

Preżentazzjoni ta' Charles Sammut

*Jixxandar kull nhar ta' Ħamis fis-2.30pm u jkollu ripetizzjoni l-Ħadd fil-11.00pm*

Lourdes ilu jeżisti 160 Sena u n-nies għadha tirrikorri bi ħġarha. Għaliex? X'hemm li jiġbdek? Il-pellegrin stess jgħid li l-ferħ u l-paċi li jħoss hemm ma sabu mkien aktar. Mhux il-grazzji biss... imma ferm aktar! Appuntu, il-programm Lourdes ser jkun ibbażat fuq l-esperjenzi ta' dawn il-pellegrini biex lilna jimlewna bil-kuraġġ u t-tama. Barra minn hekk, ma jonqsux l-aħbarijiet attwali ta' x'inhu jiġri f'dan is-santwarju Marjan Franċiż.

## Vodka u Lavanda

Preżentazzjoni ta' Nadine Piscopo

*Jixxandar kull nhar ta' Erbgħa fl-4.30pm u jkollu ripetizzjoni kull nhar ta' Ġimgħa fit-8.00pm*

Vodka u Lavanda huwa programm ta' tagħrif dwar kif iżżomm il-familja b'saħħitha, tiffranka l-flus, u tevita prodotti tat-tindif b'kimika velenuża billi tagħmel il-prodotti tat-tindif inti stess. Kulma għandek bżonn huma ftit ingredjenti sempliċi li ssib fid-dar stess. Naraw kif nistgħu nagħmlu l-parti tagħna aħna wkoll biex inħarsu l-ambjent billi nitgħallmu nnaqqsu mill-iskart u mill-ħafna plastik żejjed li qed jeqred tant lill-ambjent li ngħixu fih.

## Il-qdusija fil-familja

Preżentazzjoni ta' Fr Juan Debono

*Jixxandar kull nhar ta' Ħamis fid-9.00pm u jkollu ripetizzjoni nhar ta' Tlieta fl-4.30am*

Fuq talba tagħkom stess, għeżież semmiegħa ta' Radju Marija, ħassejna li għandna nippreżentaw il-ħajja ta' San Louis u Santa Zelie Martin, il-ġenituri Qaddisa ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Dawn tqaddsu proprju bil-ħajja tagħhom bħala miżżewġin. Għalhekk kif jikteb tant tajjeb Monsinjur Ġużeppi Mercieca:

'L-iskop ta' dan il-ktieb hu, li jgħinna nibnu lill-familji Nisranija fuq iż-żwieġ Nisrani f'rabta ta' fedeltà dejjiema u miftuħa għall-ħajja kif ordnalna Alla....Dan il-ktieb għalhekk, huwa ta' kontribut kbir għalina lkoll, għaliex mhux biss jitħaddet fuq il-valuri, kif jagħmel kulħadd, iżda permezz tal-ġenituri ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, jurina kif dawn il-valuri ngħixuhom tassew. Għaldaqstant, b'dan il-ktieb, Patri Anġeliku jrid joffri lill-miżżewġin mhux il-mudell ta' ħajja miżżewġa ta' żminijiet oħra li m'għadhomx moda, iżda mudell tal-ħajja tassew Nisranija tal-familja ta' żmienna.'

# Maratona 2018 b'riq id-dar ta' Radju Marija.

**Somma totali miġbura b'risq l-istudios il-ġodda ta' Radju Marija hija ta' €100,533**

## GRAZZI mill-Qalb

Matul il-jiem tal-Ġimgħa 9 u s-Sibt 10 ta' Novembru żorna l-gżira ta' Għawdex fejn laqgħana Mons. Karm Refalo fil-Parroċċa tax-Xagħra.







"Dawn huma xi wħud mir-ritratti waqt it-talba tar-rużarju u ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa Mqaddsa waqt il-Maratona 2018"







# Attivitajiet oħra






**Radju Marija x-xandar ir-Rużarju madwar il-kosta nhar il-Ħadd 18 ta' Novembru, fejn eluf ta' Nsara nġabru madwar 33 post different madwar il-kosta biex tlabna ir-rużarju flimkien mas-sorijiet tal-Alliance of the Holy Family International (Sr Nathalie u Sr Josette) u Mons. Emeritu Pawlu Cremona. Nirringrazzjawhom ta' din l-opportunità li ningħaqdu f'din l-inizjattiva.**



**Il-grupp Pia Opera dei Tabernacoli.**



# ŻVILUPPI FL-ISTUDIOS IL-ĠODDA TA' RADJU MARIJA

Kif għidnielkom fil-ħarġa ta' qabel, ir-ritmu tax-xogħol miexi ġmielu u wara li tlestew il-conduits għad-dwal, drainage system u ilma, issa beda x-xogħol ta' Ducting System. Din hija sistema li tiċċirkola l-arja għal ġewwa u sistema oħra biex titfa'arja 'l barra.

Il-kisi minn barra huwa kollu lest u mbajjad u issa qed jitkompla dak ta' ġewwa kollu, jiġifieri t-tliet sulari kollha. Fi ftit tal-jiem oħra ser Fi ftit tal-jiem oħra ser tingħata kisja tal-finish fil-Gypsum u jibda t-tqegħid tal-madum mal-art.















# Kif tista' tgħin lil **Radju Marija finanzjarjament:**

- Billi tagħti donazzjoni fir-reception ta' Radju Marija, Kunvent Patrijiet Dumnikani, ir-Rabat Malta
- Billi tagħti donazzjoni fil-Catholic Bookshop l-Pjazza ta' Raħal Ġdid, Simiana Stationery tas-Sliema kif ukoll fil-Librerija Preca, Blata l-Bajda.
- Billi tibgħat ċekk jew money order bil-posta, pagabbli lil Radju Marija, PO Box 19, ir-Rabat, RBT 1230
- Tista' tiddepożita d-donazzjoni tiegħek f'wieħed mill-kontijiet li Radju Marija għandu fil-banek APS, HSBC u BOV:

**Assoċjazzjoni Radju Marija**

**APS IBAN:**
**MT31 APSB 7705 7006 0638 2000 0834 148**
**A/C ACCOUNT NO: 20000834 14-8**

**HSBC IBAN:**
**MT05MMEB44587 000000058030875050**
**A/C ACCOUNT NO: 058-030875-050**

**BOV IBAN:**
**MT09VALL2201 30000000 14609142012**
**A/C ACCOUNT NO: 14609142012**

Dejjem ara li tingħata rċevuta mill-Bank għal kull donazzjoni.

Permezz ta' SMS tista' tagħti donazzjoni ta' €4.66 billi tibgħat SMS fuq in-numru 50618063

jew inkella tibgħat SMS fuq 50619278 għal donazzjoni ta' €11.65.

# Servizzi offruti minn **Radju Marija**

### Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru mit-Tnejn sal-Ħamis; fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, nhar ta' Ġimgħa fit-8.00am, fil-11.55am u fl-4.30pm, nhar ta' Sibt fit-8.00am biss u l-Ħadd fit-8.00am u fil-11.55am. Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jċempel fil-ħinijiet tal-uffiċċju fuq 21453105 u jistaqsi għal Michael Amato jew għal Moira Bugeja. Importanti li l-avviżi jkunu ttajpjati u jiġu preżentati fir-reception ta' Radju Marija bejn: it-Tnejn u l-Ħadd mid-9.00am sal-5.00pm. Min jippreżenta l-avviż irid ukoll il-karta tal-identità tiegħu. Ma jistgħux jiġu aċċettati avviżi permezz tat-telefon jew b'sms.

### Avviżi komunitarji mxandra kuljum

Radju Marija jistieden lil dawk il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom li jkunu se jorganizzaw fuq Radju Marija biex jibagħtuhom sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel ma tkun ser isseħħ l-attività.
Dawn għandhom jintbagħtu b'email fuq **info.mal@radiomaria.org.**

L-attivitajiet avżati għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni Nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' fundraising fosthom bazaars. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.

Agħmel kuntatt ma' Radju Marija:

Indirizz postali: **Radju Marija, PO Box 19, ir-Rabat RBT1230**

Telefon uffiċċju: **21453105**

Telefon studio: **21453106**

SMS studio: **79791023**

Indirizz elettroniku: **info.mal@radiomaria.org**

Websajt: **www.radjumarija.org**

jew sibna fuq: **Radju Marija Malta**

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

